**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**Carmel Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 126/22**

**Illum, il-ghoxrin (20) ta' Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 244070M li gie akkuzat talli fis-7 Marzu 2022 u ix-xhur u snin ta' qabel gewwa s-Siggiewi u/jew f'dawn il-

Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkaguna att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' Lina Farrugia ID: 408876M, li hija il-mara tieghu u li flimkien kellhom wild, liema delitt sar ripetutament.

   Art. 207, 202(j)(h)(i)(iv) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra; cioe' Lina Farrugia ID: 408876M, li hija il-mara tieghu;

   Art. 251A (1)(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Lina Farrugia ID: 408876M, li hija l-mara tieghu;

   Art. 251A (1)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi issoggetta lil Lina Farrugia ID: 408876M, li hija il-mara tieghu; ghal xi att ta' intimità fizika;

   Art 251A. (1)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi talab favuri sesswali minghand Lina Farrugia ID: 408876M, li hija il-mara tieghu;

   Art. 251A (1)(d) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi issoggetta lil Lina Farrugia ID: 408876M, li hija il-mara tieghu; ghal xi att u, jew imgiba li ghandha konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha,

   Art. 251A (1)(e) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu
533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022 l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u talab li jithejja *Pre Sentencing Report* minn ufficjal tal-Probation;

Rat ir-Rapport tal-ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja fejn gie pprezentat ir-rapport taghha a folio 41 tal-process u fejn gie konkluz illi:

- **Pjan ta' Kura**

«Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport gie nnutat li l-problemi principali li ghandu l-imputat huma r-relazzjoni konjugali tieghu kif ukoll in-nuqqas ta' assertivita' f'certu sitwazzjonijiet. Diffikulta' ohra importanti hija n-nuqqas ta' komunikazzjoni min-naha tieghu sabiex jaghti l-informazzjoni necessarja biex b'hekk jigu identifikati ahjar il-bzonnijiet tieghu u jinghata l-gwida necessarja ghalihom.

Ghaldaqstant huwa importanti li l-imputat jinghata sapport fir-rigward dawn iz-zewg aspetti fil-hajja tieghu. Dan specjalment minhabba l-fatt li hajtu garrbet tibdil konsiderevoli fl-ahhar ftit xhur.

*Rakkomandazzjoni*

Fid-dawl tal-informazzjoni kollha migbura, kif ukoll meta jitqiesu l-punti elenkati fil-pjan ta' kura, jinhass il-bzonn li l-imputat ikollu l-gwida necessarja sabiex jindirizza d-diffikultajiet tieghu izda s-sentenza tkun wahda ta' retribuzzjoni.

Ghaldaqstant qed jigi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Carmel Farrugia jinghata Ordni ta' Probation u Servizz skont l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parametri hekk kif jidrilha xieraq din l-istess Onorabbli Qorti.»

Il-Qorti, wara li semghet l-ufficjal tal-Probation u x-xhieda in sostenn tad-difiza a rigward il-piena u wara li hadet in konsiderazzjoni li tista' tinghata piena taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation u taghzel li taghti piena riformattiva aktar milli punittiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 207, 202 (j)(h)(i)(iv), 251A (1)(a), 251A (1)(b), 251A (1)(c), 251A (1)(d), 251A (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li mit-tieni (2) sas-sitt (6) akkuzi huma mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza qed issib lill-imputat Carmel Farrugia hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih

u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 qed tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin u Servizz ghal erbghin (40) siegha u kif ukoll liema Ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**